MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 389/2008/1

**Ignazio Mallia**

**vs**

**Direttur Generali**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Dicembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundana lid-Direttur konvenut ihallsu is-somma ta' elfejn, hames mija u wiehed u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€2,561.75), rapprezentanti xogholijiet relatati ma' installazzjoni, tiswija u/jew manutenzjoni ta' liftijiet fil-bini tal-Qrati ta' Malta fi Triq ir-Repubblika, il-Belt

Valletta u kif mitlub taht l-Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' (Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hrug ta' rapporti li jiccertifikaw tali liftijiet tajbin ghal uzu u li jiffunzjonaw sew, liema xoghol gie rez bejn is-sena 2004 u s-sena 2006, u fuq inkarigu tal-konvenut (ara kopji tal-*works reports* iffirmati minn ufficcjali tal-Qorti li jikkonfermaw it-twettiq mil-attur tax-xoghol moghti lilu mill-konvenut.

Ftit jiem biss wara l-hrug ta' rapport kif imsemmi aktar 'l fuq, liema rapport kien datat (06/01/2006) u li l-konvenut kien accetta, l-istess konvenut ighid li skopra xi hsarat fil-liftijiet li ghal ragunijiet li jaf hu biss ghogbu jattribwixxi lill-attur u dan meta l-istess attur anqas biss resaq lejn l-edificju tal-Qorti fil-jiem li segwew il-hrug tal-isemmi rapport .

Mitlub ihallas l-imsemmi bilanc permezz ta' ittra interpellatorja datata d-19 ta' Settembru, 2007 u ittra ufficjali, datata t-8 ta' Mejju, 2008, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Minghajr spjegazzjonijiet ta' xejn, il-konvenut ittermina l-inkarigu moghti lill-attur u permezz ta' ittra interpellatorja datata 6 ta' Frar, 2008 ukoll jintimah li ser ifittxu ghad-danni jekk jppersisti fit-talba tieghu li jithallas lilu dak li legittimament hu dovut.

Il-konvenut wasal ghad-decizjoni li jtemm l-inkarigu fuq imsemmi, stante li fil-frattemp inbidlet il-persuna responsabbli fl-amministrazzjoni tal-Qorti u li kienet tat dan l-inkarigu, u minflok ipproceda biex jidhol fi ftehim bil-miktub mal-attur, kif kien ippjanat originarjament, l-istess attur sab ruhu mwarrab.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata d-19 ta' Settembru, 2007 u l-ittra ufficjali, datata 8 ta' Mejju, 2008 u flimkien mal-imghaxijiet relattivi fuq is-somma, dovuti fuq rata kummercjali mid-data tat-tlestija.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti hija preskritta ai termini ta'l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda somma flus mhi dovuta lill-attur, peress illi x-xoghol maghmul minnu ma sarx skont is-sengha u l-arti u kkawza danni kbar lill-intimati, liema danni waslu sabiex jinbiddel l-apparat kollu bi spejjes ta' eluf kbar ta' liri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda tal-attur li spjega li kien jiggestixxi s-socjeta' IGM Lift Services & Supplies u x-xoghol li jaghmlu, kien fost ohrajn li jiehdu hsieb il-manutenzjoni ta' liftijiet , inkluz tiswija u installazzjoni ta' *parts*.

Ighid li kien inghata l-inkarigu fl-2004 u dam jagmel dan ix-xoghol ghal-sentejn shah, cioe' sas-sena 2006. Kull meta kienu jcemplu mill-Qorti kienu jinzlu fil-bini tal-Qorti u jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fuq il-liftijiet, jew ibiddlu xi partijiet u jinstallaw ohrajn flokhom.

Imbaghad kienu jipprezentaw *work report* lill-ufficjal responsabbli, li kien jiffirma bhala sinjal li kien qed jaccetta x-xoghol, u ghalhekk il-hlas kien dovut lilhom.

Xoghol iehor kien jkkonsisti f'li jiehdu hsieb li l-liftijiet jigu ccertifikati, minn Inginier kwalifikat u indipendenti, li kienu jinkarigaw u li, wara li jisspezjona l-liftijiet, johrog certifikat li qed jahdmu tajjeb u/jew li huma sikuri biex juzawhom il-pubbliku.

Jekk kien ikun il-kaz, li kien hemm xi rakkommandazzjonijiet da parti tal-Inginier, wara li kienet issir l-ispezzjoni, kienu josservawhom.

Ghal hlas kienu johorgu l-*invoice* u thallsu regolarment sas-sajf 2005. Il-ftehim kien sar verbalment, u minkejja li kien suggerit li jsir kuntratt bejn il-partijiet, dan qatt ma sehh u minflok fil-bidu tas-sena 2006, kien ittehdilhom l-inkarigu u tkeccew.

Sas-sajf 2005, kien sar l-ahhar pagament, izda minkejja dan, kienu baqghu jaghmlu x-xoghol regolari u baqghu johorgu l-*invoices*, u l-*works reports* baqghu jigu ffirmati mill-konvenut.

L-ahhar li kien mar l-Inginier Dominic Bellizzi, kien fis-6 ta' Jannar, 2006. u kien ghamel spezzjoni tal-liftijiet u ma kienx sab problemi. Ftit granet wara, ikkomunikaw mieghu mill-Qorti u nfurmawh li kien hemm hafna hsara fil-liftijiet u li kienu ddecidew li jtemmu l-inkarigu li kienu tawh zmien qabel. Id-decizjoni kienet wahda unilaterali u arbitrarja.

Ma kienux halluhom sabiex jinzlu l-Qorti sabiex ikunu jafu x'kien gara.

Minn meta kien mar l-Inginier, sa meta kienu nfurmawh li kien hemm problemi fil-liftijiet, ma kienux marru hdejn dawn il-liftijiet jew hdejn il-Qorti u ghalhekk xi haddiehor kien baghbas maghhom fil-frattemp.

L-ammont li qed jintalab huwa ta' elf u disgha u disghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,099.76), ekwivalenti ghal elfejn, hames mija u wiehed u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€2,561.75), flimkien mal-imghaxijiet, pero' minkejja diversi interpellazzjonijiet, dan il-hlas qatt ma sar.

Meta kien kitbilhom l-Avukat tieghu, heddewhom li kienu ser ifittxu ghad-danni u dan ghaliex kien hemm xi sebat elef lira Maltin (Lm7,000), u cioe' ekwivalenti ghal sittax-il elf, tlett mija u hames

Euro u wiehed u sittin centezmi (€16,305.61), izda qatt ma fethu procedura ta’ danni fil-konfront tieghu.

Ix-xhud jispjega illi posthom kien mehud minn Titan International u huwa konvint li kollox kien skuza biex iwarrbuhom u jdahhlu xi haddiehor minflokhom.

Ra x-xhieda ta’ Dominic Bellizzi, li jokkupa l-kariga ta’ Mechanical Engineer. Jahdem ukoll bhala Designated ACAB mill-Awtorita’ Maltija Dwar l-Istandards u ghalhekk huwa kompetenti sabiex jispezzjona liftijiet u jekk humiex tajbin u sikuri ghal uzu mill-pubbliku.

Ighid li ilu jispezjona l-liftijiet sa’ mis-sena 2002 u b’mod indipendenti.

Jikkonferma li kien gie mqabbad minn IGM Lift Services & Supplies sabiex jaghmel spezzjoni tal-liftijiet tal-Qorti u kien ghamel dan fis-6 ta’ Jannar, 2006. Dakinhar, minkejja li kien hemm xi affarijiet li kellhom bzonn xi manutenzjoni, kienu sikuri u minghajr periklu ghal min juzahom u kien ghalhekk li hareg certifikat posittivi, wiehed Law Courts 01/06 u  l-iehor Law Courts 2 01/06.

Ghal dan ix-xoghol u spezzjoni, jikkonferma li kien mexa’ skont il-Factories (Hoists and Lifts) Regulations tal-1964.

Minn dakinhar qatt ma spezzjona liftijiet tal-Qorti aktar u anqas resaq lejn Qorti.

Jikkonferma li kien jaf li l-Qorti ma rieditx thallas lil IGM Lift Services & Supplies, u dan minhabba li allegaw li l-liftijiet kellhom hsarat kbar, pero’ seta’ jghid li l-affarijiet li kien jehtiegilhom l-manutenzjoni biex l-liftijiet jahdmu ahjar u jkunu aktar sikuri, ma setghu qatt kienu l-kawza ta’ hsarat kbar, kif il-konvenuti qed isemmu.

Il-konvenut ma pprezenta ebda xhieda u nghata diversi seduti sabiex jaghmel dan.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-konvenut qajjem eccezzjoni preliminari fis-sens li l-azzjoni attrici hija wahda preskritta ai termini ta'l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' l-preskrizzjoni ta' tmintax-il (18) xahar.

(a) L-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu;

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Langdale Limited vs Jon David Limited' (QA 3/11/2004, App. Civili 4/1997)**, gie enunciat illi din id-disposizzjoni tal-Ligi "***tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio opera li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali."***

L-attur jiggestixxi socjeta' li tinstalla l-liftijiet, toffri servizzi ta' manutenzjoni u riparazzjoni tal-istess, inkluz bejgh u installazzjoni ta' *spare parts*.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa u jhoss li dan l-istess servizz li joffri l-attur tramite s-socjeta' ma jikkostitwix sengha jew arti mekkanika.

Interpretazzjoni aktar adattata ghal kaz in ezami u ghal finijiet ta' preskrizzjoni hija dik ta' hames snin taht l-Artikolu 2156 (f)

" (*f*) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

F'dan il-kaz, lanqas irrizulta li kien hemm att pubbliku jew skrittura privata, izda biss ftehim verbali, Kien sar xi suggeriment sabiex isir ftehim bil-miktub, izda dan qatt ma sehh.

Ghalhekk, it-Tribunal qed jirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjes.

In kwantu jirrigwarda l-mertu, l-konvenut ma gab l-ebda provi u dan meta kellhu hafna opportunitajiet sabiex jaghmel dan.

Fin-nuqqas, it-Tribunal jikkunsidra li ma hemmx kontestazzjoni ghall-verzjoi ta' l-attur li kien gie mqabbad sabiex jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fil-liftijiet tal-Qorti u kien iqabbad lill-Inginier li kien jiccertifika li l-liftijiet kienu jiffunzjonaw u ma kienux ta' periklu ghal pubbliku.

Irrizulta li kien rcieva l-ahhar pagament f'2005, u sadanittant ugwalment kien baqa' jaghmel it-tiswijiet fuq dawn il-liftijiet, izda mbaghad kienu infurmawh mill-Qorti li l-liftijiet kelhom hsara kbira u kienu waqqfulu x-xoghol. Ighid li dan ma kienx minnu ghaliex kien gie l-Inginier Domenic Bellizzi li kien innota li kien hemm xi affarijiet zghar li kellhom bzonn manutenzjoni, izda l-istat tal-lifijiet kien tajjeb u ma kienx hemm periklu. Ix-xoghol ta' manutenzjoni li kien jinhtieg, ma kienx tali li seta' jwassal ghall-hsara li allega l-konvenut.

> Fin-nuqqas ta' provi kontraditorji da parti tal-konvenut, it-Tribunal ser ikollu jghaddi biex jaccetta l-verzjoni ta' l-attur bhala dik l-aktar tenibbli inkluz il-kwantum
>
> Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba a kariku tal-konvent."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza biex, fl-ewwel lok, jirriafferma l-preskrizzjoni minnu opposta quddiem it-Tribunal a norma ta' l-Artikolu 2148 (a) u, fit-tieni lok, biex jissolleva ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti l-preskrizzjoni bjennali a sensu ta' l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili;

Fit-twegiba tieghu ghal dan l-appell l-attur jissottometti r-rejazzjoni tieghu f'dawn it-termini, koncizament riprodotti:-

(1) Ix-xoghol tieghu ma kienx jikkostitwixxi sengha jew arti mekkanika u konsegwentement ghall-azzjoni tieghu l-Artikolu 2148 (a) huwa inapplikabbli;

(2) La darba t-Tribunal cahadlu dik il-preskrizzjoni, l-appellanti ma setax iqajjem tip differenti ta' preskrizzjoni. Il-ligi taghna ma tipprovdix ghal qaghda bhal din u jekk dan kellu jigi ammess il-kreditur jitqieghed fi zvantagg akbar;

(3) F'kull kaz l-Artikolu 2149 (a) ma japplikax in kwantu fin-natura tax-xoghol tieghu l-prevalenza tal-karattru ta' spekulatur ma tissussistix u, dippju, huwa ma kienx appaltatur;

(4) Ankorke kellu japplika dak l-artikolu, la l-kreditu pretiz minnu jirrizulta minn kont accettat mill-appellanti, il-preskrizzjoni kellha tkun dik ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2151 tal-Kodici Civili;

Skond il-gurisprudenza prevalenti d-distinzjoni l-aktar markata li tiddifferenzja z-zewg xorta ta' preskrizzjonijiet sollevati mill-appellanti hi llustrata mill-mod segwenti:-

(1) Il-kaz ikkontemplat fl-Artikolu 2148 (a) jirreferixxi ghall-azzjonijiet ta' krediti minn artefici jew artiggjani li jipprestaw l-opra taghhom, ossija "ghall-lokazzjoni ta' opra li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom" ("**Joseph Mizzi *nomine* -vs- Joseph Delicata *proprio et nomine***", Qorti tal-Kummerc, 14 ta' Ottubru, 1954;

(2) Fil-kaz ta' l-Artikolu 2149 (a) jinghad li dan "*riguarda i crediti di coloro in cui domina il carrattere di speculatore e che, piu` che le loro opere, prestino un lavoro ("opus")*". Ara "**Tommaso Pace *nomine* -vs- Salvatore Muscat**", Appell Inferjuri, 18 ta' Mejju, 1929. Jigifieri, dawk li jizercitaw impriza ("**Domenico Bezzina *proprio et nomine* -vs- John Said**", Qorti tal-Kummerc, 4 ta' Marzu 1958), ossija, skond is-sentenza "**Mizzi -vs- Delicata**" surreferita, "meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali";

Premessi dawn l-enuncjazzjonijiet, fil-kaz partikolari jirrizulta illi l-attur jezercita impriza bl-isem "IGM" ta' "*lift supplies and services*". Dan hekk jirrizulta sija mid-diversi "Works Reports" (fol. 3 sa fol. 16) kif ukoll mill-fatturi (fol. 19 sa fol. 22). Ghall-precizazzjoni, jinghad fl-Affidvait ta' l-attur (fol. 35) illi x-xoghol li taghmel din l-intrapriza kummercjali tieghu jikkonsisti f'xoghol ta' manutenzjoni ta' liftijiet, ir-riparazzjoni ta' l-istess u l-installazzjoni ta' *parts*. Jidher minn dawn il-provi illi x-xoghol ikkuntrattat mal-konvenut kien proprju ta' din ix-xorta tal-*locatio operis* u dan igib li l-kreditu pretiz minnu, kompost minn dawk ix-xoghlijiet minnu stess ipprecizati, kien jattira lejh ix-xorta ta' preskrizzjoni kontemplata mill-Artikolu 2149 (a). Dan qed jigi hekk ritenut mill-Qorti in kwantu, anke fil-kaz tieghu, il-kuntratt kellu b'oggett "*un determinato lavoro di riparazione a prezzo fatto ragione per cui è applicabile al suo credito la prescrizione di due anni*" ("**Pace -vs-**

**Muscat**", *ibid.*) Hekk ukoll ta' l-istess speci kien il-kreditu prospettat in re: "**Mizzi -vs- Delicata**", *ibid*., trattasi ta' xoghlijiet ta' tiswija fuq karozza u ta' *spare parts* forniti in konnessjoni ma' l-istess xoghlijiet;

F'termini preskrizzjonali l-fatti rilevanti li jinzlu mill-istruttorja tal-kaz jistabilixxu illi:-

i. Ix-xoghlijiet *de qua* ezegwiti mill-attur jirrisalu ghas-sena 2005. Ara l-Works Reports u l-Invoices in atti;
ii. Il-kollawdar ta' dawk l-istess xoghlijiet imposti minn Regolamenti *ad hoc* sar fis-6 ta' Jannar, 2006. Ara rapport ta' l-Inginjier Dominic Bellizzi a fol. 17;
iii. Id-domanda ghall-hlas saret permezz ta' ittra ufficcjali datata 8 ta' Mejju 2008 (ara kopja taghha a fol. 24), segwita mill-kawza introdotta fl-20 ta' Mejju, 2008;

Qabel ma tghaddi 'l quddiem fl-istharrig taghha, jinhass opportun li l-Qorti taghti twegiba ghal certa sottomissjoni avvanzata mill-appellat fir-risposta tieghu ghall-appell. Dan fir-rigward tal-punt jekk konvenut, gjaladarba l-preskrizzjoni specifika minnu opposta tkun giet michuda, setax 'il quddiem jissolleva preskrizzjoni xort'ohra u differenti minn dik l-ohra respinta. Il-Qorti jidhrilha li l-punt imqanqal jimmerita certa konsiderazzjoni, ukoll jekk mhux wahda necessarjament approfondita;

Salv fil-kazijiet ikkontemplati mill-Kodici ritwali u minn certi disposizzjonijiet tieghu kif sostanzjati mill-gurisprudenza, huwa principju generali li fl-istadju ta' l-appell ma jistax jitressqu eccezzjonijiet godda in kwantu dan kapaci jopera vjolazzjoni tal-principju tal-kontradittorju. L-argoment ta' l-attur appellat irid jinqara f'din it-tematika in kwantu hu donnu qed jghid illi gjaladarba fl-ewwel istanza huwa illimita ruhu biex jikkuntrasta l-preskrizzjoni partikolari eccepita [Artikolu 2148 (a)], huwa ma kellux ghalfejn u, anzi, ma setax ma jitraskurax deduzzjonijiet ohra relattivi ghall-fatti interruttivi fir-rigward ta' xi preskrizzjoni ohra, b'perijodu ta' zmien aktar wiesgha, li f'dak l-istadju ma

tqajmetx. Huwa konsegwentement jilmenta li l-ligi taghna ma tahsebx ghal qaghda bhal din. Fis-sens ta' kif inhu postulat l-argument dan huwa minnu, izda, imbaghad, kif del resto rikonoxxut mill-istess appellat, il-Kodici Civili jipprovdi in linea generali illi "l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell" (Artikolu 2112), u dan, kif saput, il-gurisprudenza taghna qatt ma ddubitat illi anke fl-istadju ta' l-appell tista' titqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghalkemm din ma tkunx hekk giet sollevata fl-ewwel istanza. Ara "**Paul Balzan *nomine* -vs- John A. Scicluna *nomine***", Appell, 3 ta' Dicembru, 1999;

L-unici limitazzjonijiet li taghmel din l-istess gurisprudenza f'kazijiet konsimili huma dawn:-

1. Meta eccezzjoni tal-preskrizzjoni titqajjem ghall-ewwel darba fl-istanza ta' l-appell l-ispejjez relattivi jkollhom jitbatew, almenu in parte, mill-appellanti. Ara "**Francesco Calleja -vs- Luigi Falzon**", Appell Kummercjali, 12 ta' Lulju, 1918 u "**Constantino Balzan *et* -vs- Carmelo Chetcuti *et***", Appell Kummercjali, 3 ta' Frar, 1950;

2. La darba l-eccezzjoni ta' xi preskrizzjoni specifika tigi rinunzjata ma tistax tigi aktar tard imqajma fl-istadju ulterjuri tal-kawza. Ara "**Maria Debono *et* -vs- Filippo Debono *et***", Appell Civili, 15 ta' Jannar, 1965 u li minn certa ottika toffri anke risposta lill-argument sottopost mill-appellat. Dan dejjem pero` li dik l-istess rinunzja tkun wahda vera, preciza u inekwivoka. Ara "**Frank Borg -vs- John Nicola Cassar**", Appell Kummercjali, 19 ta' Frar, 1960;

Maghluqa din il-parentesi, jifdal x'jigi konsiderat jekk ghall-fattispeci tal-kaz prezenti jsibx applikabilita` d-dispost ta' l-Artikolu 2151, senjatament l-inciz (2) tieghu;

Huwa qabel xejn provvdut minn dak l-artikolu illi fil-kaz ta' kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bi kreditu, xoghlijiet, servizzi jew qadi iehor, iz-zmien tal-preskrizzjoni eccepita [Artikolu 2149 (a)] tibqa' immutata. Il-kontinwazzjoni hawn prevvista tirrigwarda prestazzjonijiet singoli li jkunu awtonomi u fihom infushom kompleti, anke jekk jifformaw parti minn serje. Fi kliem iehor, fin-nuqqas ta' interruzzjoni taghha, il-preskrizzjoni tolqot ukoll l-azzjoni ghall-prestazzjonijiet anterjuri ghaz-zmien preskrizzjonali minkejja l-kontinwita taghhom ghaliex kull partita jew prestazzjoni tifforma kreditu ghaliha. Ara "**Angela Sultana -vs- Salvatore Borg**", Appell Civili, 6 ta' Novembru, 1953 u "**Agostino Pace *et* -vs- Antonio Agius *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 17 ta' Jannar, 1955;

Premess dan, biex jiskatta d-dispost ta' l-inciz (2) ta' l-Artikolu 2151 u l-azzjoni ma taqax bil-preskrizzjoni hlief bl-eghluq ta' hames snin, irid jirrizulta li l-kont kien accettat mid-debitur jew minn xi dikjarazzjoni ohra tieghu bil-miktub. Hu mill-appellat sottomess bi proposizzjoni illi gjaladarba gew iffirmati l-Works Reports mill-ufficcjali tal-Qorti tali kien jestrinsika ruhu ghal kont accettat jew dikjarazzjoni ohra tal-konvenut-debitur bil-miktub;

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-iffirmar tal-Works Report ma jammontax ghal dik ir-raguni bhala xi rikonoxximent awtomatiku tal-kont dasqkemm ta' l-accettazzjoni illi x-xoghlijiet saru. Hu ritenut mill-gurisprudenza illi l-kliem tal-predett artikolu ghandu jinftiehem fis-sens illi l-kont ikun ghal kollox approvat u li fuq il-hlas ma jkunx hemm kwestjoni bejn il-partijiet ghax anke jekk wiehed jitlob li jinghatalu kont tal-prestazzjonijiet tieghu ma jfisserx necessarjament li huwa ammetta l-pretensjonijiet kollha ta' min jitlob il-kumpens. Ara "**Giovanni Camilleri -vs- Dottore Fisico Arturo Cassar**", Appell Civili, 12 ta' Gunju, 1944 u "**Giovanna Caruana -vs- Salvino Scicluna *et***", Appell Civili, 4 ta' Gunju, 1948. Jikkonsegwi minn dan illi l-firma apportata fuq il-Works Reports ma tfisserx approvazzjoni b'mod li tbiddel il-

posizzjoni guridika tal-partijiet fis-sens li tikkreja vinkolu gdid iehor. Sew l-approvazzjoni tal-kont, sew kull dikjarazzjoni ohra bil-miktub trid tkun cara, netta u b'mod li minnha ma jistax hlief li jitnissel il-propozitu tal-gharfien tal-kreditu. F'dan il-kaz tali rikonoxximent tad-debitu ma jistax jigi kongetturat bil-mod sottomess mill-appellat, f'liema eventwalita l-eccezzjoni tas-sentejn a norma ta' l-Artikolu 2149 (a) tibqa' tregi, u mhux rigettata. Zmien dan li fil-parametri ta' l-esposizzjoni aktar 'il fuq maghmula kien lahaq iddekorra meta giet ipprezentata l-ittra ufficcjali.

Ghal dawn il-motivi prevja r-rigett ta' l-aggravju bazat fuq il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2148 (a), il-Qorti takkolji l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut a sensu ta' l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili, u konsegwentement tichad it-talba ta' l-attur appellat kontenuta fl-Avviz promotur, attiz ir-revoka tas-sentenza appellata. Gjaladarba l-preskrizzjoni akkolta giet sollevata f'dan l-istadju ta' l-appell, huwa xieraq illi l-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew fil-proporzjon ta' nofs kull wiehed, bid-dritt tar-Registru jibqa' interament a karigu tad-Direttur Generali appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------